# Oliver Friggieri

*Twieled il-Furjana fl-1947. Studja fis-Seminarju Minuri u Maġġuri u fl-Universita' fejn fl-1968 ġie l-ewwel fil-kors tal-B.A. Awtur ta' poeżiji, essays ta' xejra soċjali u filosofika, u studji kritiċi letterarji dwar kittieba maltin, uħud minnhom imxandrin fl-antoloġiji, fuq ir-Rediffusion u l-M.T.V. Ko-awtur tal-ktieb ta' poeżiji "Dħaħen fl-Imħuħ" (1967) u awtur ta' traduzzjonijiet mil-Latin u l-Ingliż li ħarġu f'pamphlets, kif ukoll ta' għadd ta' innijiet liturġiċi. L-editur kulturali ta' "Il-Qawmien", korrispondent regulari f'ġurnali oħrajn, u l-kittieb u l-preżentatur tal-programm "Beat u Letteratura" fuq ir-Rediffusion. Jgħallem il-Malti u l-Filosofija fi skola sekondarja. Assistent Segretarju tal-Moviment Qawmien Letterarju. Bħalissa qiegħed jaħdem fuq żewġ kotba ta' kritika.*

## VERSI

U llum li għadni bniedem mingħajr ħajja
kif kont fl-imgħoddi, jekk inħares lura
nara d-dell tiegħi kif pinġieh ħaddieħor
għalija.

Mela ifhimni. Il-Bieraħ tiegħi
hu kwadru mżelleġ bħall-arti moderna
t'artist li m'huwiex jiena.

Qaluli nemmen fija nnifsi w naħseb
li jiena ridt li sar u xejn ma ġara
mingħajr il-volonta'.

U kif emmint tfajt ħarsti 'l fuq quddiemi
biex ninsa l-mostru iswed t'għoxrin sena
jitkaxkar wara dahri.

Iżda f'għajnejja bdejt inħoss jaħraqni
in-nar tax-xemx u d-dlam jikber madwari.

## L-GĦAJTA TAL-MIBEGĦDA

Ħabib, min jgħid li f'qalbu għandu taħraq
l-imħabba għalik, temmnux. L-imħabba ssibha
fil-qabar moħbi meta l-wegħda fiergħa
tintesa w ma tinżilx fid-dinja tiegħek.

Ħabib, min jheddek li għalik minn qalbu
trid toħroġ il-mibegħda, emmnu. Ħajtek
ma tmutx qabel ma b'siequ jikteb ismek
bid-demm ta' sidrek sħun fit-trab. Għax kliemu
ma jidħaq b'ħadd.
L-ilsien u l-qalb iduru
f'dinjiet imbiegħda. Emmen jew itgħallem!

## MILIED TIEGĦI

Qaluli li twelidt elfejn sena ilu
Mulej, imħabba fija.

Possibbli mħabba fija?

Qaluli li ġibt miegħek l-idejali
tal-liberta' u ta' l-imħabba umana.

U jien fittixthom l-idejali tiegħek
fil-volonta' u l-intellett li tajtni.
Iżda madwari qamu l-ħlejjaq bħali
u qalu li twelidt imħabba fihom.
Tassew, Mulej?

Jien bdejt nixtieq u rrid. Ħassejtni nikber
u emmint kulma qaluli.

Iżda issa
li l-kobor tiegħi waqa' bejn is-swaba'
ta' bniedem ieħor li jixtieq u jifhem
aktar mill-volonta' u l-moħħ li tajtni,
kif nista' nibqa' nemmen fl-idejali
tal-liberta' u ta' l-imħabba umana?

Xi ngħid? Għamejt jew waqgħu l-idejali?
Ma nafx. Ma naħti xejn. Jien issa ħaġa
titkaxkar kemm jixtieq u jrid iż-żmien.
Ħajti nistenna.

...... Qed jgħidu li l-Milied jum il-ħelsien.
Tassew, Mulej?

## IL-MEWT INDIFFERENTI

Għaliex, maħbuba, qiegħda taħseb fija?

Jien qatt ma kont fil-moħħ uman li riedni
inkun kif irrid jien. Inti tifhimni
għaliex ma tafx li l-eżistenza tiegħi
qiegħda tinħela b'mod artifiċjali
bħall-bozza ta' l-elettriku li titlef
ma' kull minuta d-dawl safrani.

Inti
għada tintebaħ li jien ili nieżel
kuljum f'qabar il-mewt indifferenti.

Naħseb aħjar li tibda tmut minn kmieni
ma' kull ċaqlieqa goffa li tiċċaqlaq
il-minutiera ħoxna
ta' l-arloġġ kbir li jdoqq fit-taraġ tagħna,
milli tegħreq fix-xejn bil-mewt ta' darba.

Aħjar, aħjar ma tibqax taħseb fija.
Iżd'ibqa' ħdejja biex f'dil-mewt kontinwa
tgħallimni x'inhi l-ħajja għal min jgħixha.

Imbagħad għid lil kulħadd li għext għalija.

## KONVERŻJONI TA' MUMENT

Ħabib emminni. Il-bieraħ ġewwa s-sikta
ta' l-aħħar siegħa qbadt fuq ħajt imgħobbi
b'fantażmi ta' l-imgħoddi d-dell tal-bniedem
li ridt naħarbu u baqa' jiġri wrajja
dsatax-il Marzu.

Int bħali. Ħrabt u għadu
jitkaxkar taħt spallejk jitbandlu. Il-Kruha
fuq ġbini l-bieraħ qratli r-rebħa tagħha
sa l-aħħar nifs imxarrab.

Ħsieb. Triq oħra.
Neqirdu l-antikrist li ried jgħollina
fuq it-tiġrib qadim tal-kobor. Ninżlu
mir-ramel għoli. Fina nsibu l-bniedem
mingħajr id-dell li ma seħetx il-bqija
matul tlieta w tletin Diċembru kiesaħ.

## FIRDA

Bħal vleġġa li maħruba toħroġ tiġri
kif tħoss tinħall il-ġibda li jassritha
mal-qaws, int ħrabtli 'l bogħod, ħamiema bajda;
ħallejtni nħares lejk, togħla w titbiegħed
bla tama li narak mill-ġdid fuq driegħi
ittiegħem, biex iżżoqq, il-qamħ f'idejja.

U ħrabt biex tgħix ħajj'oħra, iżda fil-bejta
ħajjejt id-dell tal-mewt jħedded il-ħajja
t' żewġ ħajjiet. Ħallejthom f'kemm it-tiben
li b'għaqlek ġbart, jgħajtulek biex bħal qabel
titmagħħom. Iżd'għalxejn. Il-karba tagħhom
ma tmiss qalb ħadd. U l-mewt tirbaħ il-ħajja.

Ħamiema, jien nixtieqek tiġi lura
mhux biex titbekka l-ħerba ta' uliedek
iżda biex tgħidli liem' hi l-isbaħ ħajja.

## MISTOQSIJA

L-irwiefen inkurlati qed isaffru
fuq ħemda vojta
li timla' kullimkien u tbeżża' l-bniedem
midfun għejjien ġo daru
wara jum iebes.
Mix-xquq tat-tieqa msakkra
dieħel ixaqqaq l-għadam in-nifs kiesaħ
u jdur madwari.

Min jaf, min jaf xi jrid?

## SAKEMM INSIBU S-SQAQ

Il-lejla t-toroq sfaw sqaqien miċħuda
imwennsa mill-erwieħ magħluqa f'tubu
tan-nejon qed imut f'kull kantuniera.

Nistennew ftit sakemm ix-xemx marida
bis-sħab ta' lewn iċ-ċomb imdewweb tinżel
għal wara d-djar mitlufa fuq ix-xefaq
ta' min, għax ma jafniex, m'hu xejn għalina
u aħjar ma jeżistix.

Jekk tħares bħali tara t-triq quddiemna
imġebbda dritt bħal-lastku bejn is-swaba'
ta' żewġ idejn.

Nitilqu?

L-art riesqa lura taħtna
donnha tapit mibrum qiegħed jinfetaħ
fin-nofs ta' sala. U jien u int nintilfu
ma' l-infinit kif ħdejna nsibu n-numri
jiżdiedu mad-dawriet tal-minutiera.
Ix-xfar tar-roti ma jogħlewx bil-ġiri
għax ħbiebna żellġu l-bitmak. Niġru iżjed
u nqajmu r-riħ paralizzat. Ma' wiċċna
inħossu n-nifs etern iqalleb f'ruħna
u l-eku jidwi l-kliem li qatt ma smajna.
Ix-xagħar jibda jitħabbel
u jdub ħajt ħajt sabiħ biex naqtgħu minnu
il-bojod ta' xulxin u ngħoddu s-suwed.
L-ilbies ta' fuqna jidħol ġo ġisimna
biex juri l-ġmiel li naħbu f'mistiċiżmu
għalina biss.

Nibqgħu niġru......

Sakemm insibu s-sqaq li jrid jifridna
mid-deċiżjoni.
U meta nieqfu, jieqaf ir-riħ magħna
għajjien, għajjien;
ilbiesna jaqa' mkemmex, u nintelqu
nistaqsu l-mistoqsija "Jien min jien?"

## VERSI OHRA

Inti
qatt ħdimt matul snin twal bil-linka ħamra
ta' demmek fuq il-ktieb tal-ħajja tiegħek?

Naf kemm tgħaxxaqt torbot il-paġni f'daqqa
kuljum u tara n-numri qegħdin joktru.

Iżd'għad ma sibtx il-bniedem li quddiemek
iċarrat mill-ktieb tiegħek l-isbaħ paġni.

U jien u int bnedmin indaqs......

Jien sibtu. U naf xi jfisser toqgħod tqalleb
qalb folji mħarbta. Iżda ma nafx kif nista'
ngħaqqad il-bċejjeċ imxerrdin jew nerġa'
nikteb il-paġni li tqattgħuli b'demmi.

## INSOMNJA

Meta fl-insomnja twila tħoss jitwieldu
ħsibijiet ġodda u moħħok jitqal iżjed
x'tixtieq?

Jiena nixtieq immisshom bejn subgħajja
bħan-noti taħt is-swaba' ta' pjanista
jew bħalek kif inħobbok meta jidlam.

U meta x-xewqat jonqsu waħda waħda
nisħet l-insomnja.

Iżda l-għada bil-lejl xorta nistenna
il-moħħ jerġa' jittaqqal sakemm norqod.

## U META, MULEJ?

Il-lejla wkoll, Mulej, li reġa' ngħalaq
bil-mod il-mod bieb ieħor quddiem wiċċi,
erġajt ħarist fit-tul b'għajnejk f'għajnejja.

Jien naf. Qiegħed tistenna li minn fommi
toħroġ darb'oħra l-mistoqsija eterna
'għaliex?'
u inti ma tweġibx u tibda tqalleb
ġo qalbi sakemm f'moħħi jqum l-imgħoddi
u negħja nistaqsik. U int tirbaħli.

Inti dejjem tirbaħli. Iżda kull rebħa
għadha misterju li jibqa' jirbombja
fil-kurituri mudlamin ta' moħħi,
kuljum, kuljum, sakemm tagħraf ġo wiċċi
iben bħall-bqija.

Imbagħad tħoss bħali l-kesħa ta' hawn barra
u tiftaħ bieb għalija.

U meta, Mulej?

## TALBA

Mulej, int taf li d-dlam qed jaħbi kollox.

Ma nistaqsikx kif nista' b'għajn magħluqa
naqbad it-triq li ftaħtli inti. Anqas
kif nagħraf f'dak li nolqot (jien u negħtor
it-tajjeb mill-ħażin......

Nistaqsik biss kif nista', meta jisbaħ
u nkun għadni fejn jien, nofroq il-folol
li qed irossu fuqi u nagħraf leħnek
minn qalb il-ħsejjes.

Mulej, fadal xej' x'nimxi?

## KRUHA U SBUĦIJA

Min raha fit-toroq qal li hi sabiħa
aktar mill-bqija.
Min sabha fuq ix-xtajta xtaq ġo qalbha
l-imħabba tiegħu.

Ftit wara, meta welldet, f'nofs is-sala
ta' sptar, matul l-operazzjoni,
it-tabib xiħ qal liż-żagħżugħ poeta:
"Din hija r-rejalta'. Ġlieda mal-ħajja.
M'hemmx logħob tal-fantasija."

Il-poeta tbissem:
"Għalik tfisser il-mewt.
Għalija
l-isbaħ poeżija."

U żewġha mbikki staqsa: "Kruha jew sbuħija?"

## IL-QAWWIET TA' ĠO FIJA

Jien naf li l-ħajja tagħna hi sħaba sewda
li tiġri lejl u nhar fuq rasna fl-għoli,
tinħall bil-mod il-mod kif ġewwa fina
inħossu bla ma rridu x'jimbuttana
biex nieħdu deċiżjoni.

Nixtieq nilħaq nintemm qabel ma s-sħaba
iddub u l-eżistenza vojta tibda
timtela biex ma terġa' qatt titbattal.

U jiena rrid li ħajti tibqa' vojta:
deżert maħruq bix-xemx li qatt ma tinżel,
belt kbira ta' l-imgħoddi mingħajr ħajja,
tarbija f'ġuf li tgħix bla ma titwieled.

Irrid kuljum dan kollu iżda nibża'
mill-qawwa tax-xewqat u s-sentimenti
li jqumu sbieħ fit-toroq twal ta' moħħi
għalxejn, mingħajr ma nista' ngħixhom f'ħajti.

## "HUMANAE VITAE"

Mulej,
sakemm jifilhu l-moħħ u s-sensi tiegħi
jien għadni lejl u nhar infittex lilek
f'kull esperjenza li titwieled fija.
Għadni nipprova nifhem għaliex inti
trid tibqa' mbiegħed minni w għaliex tħalli
liż-żgħir jittiekel bla ma jaf mill-qawwi.

Il-moħħ li tajtni nħossu qed jinfetaħ
u jikber ta' kuljum. U ma' kull għodwa
inbati iżjed biex inserraħ rasi
mill-verita'.

Mulej,
f'kull mistoqsija kbira li nistaqsi
nipprova nifhem li hemm inti moħbi.
Jien kollox, kollox irrid nifhem, barra
li inti tista' tħalli bniedem bħali
jitkellem f'ismek biex il-ġmiel tal-ħajja
li inti ħlaqt għal żewġ bnedmin normali
isir f'għajnejna dell tal-mewt u l-kruha.

Illum l-għorrief bla esperjenza tkellmu.
U jiena, bniedem sħiħ, ikolli naħseb
li int tirann għax tajt lill-bnedmin l-oħra
li jafu jħobbu lingwaġġ kbir ta' mħabba
li ma jistgħux jużawh mingħajr il-biża';
jew inti ħanin wisq biex tħalli d-dinja
issir tafek ħażin.

Mulej, 'l-għorrief li reġgħu tkellmu f'ismek
agħtihom l-esperjenza biex iħossu
bħal dawk li ma ċaħdux l-estasi tiegħek.
U lil kull min qiegħed jistenna bħali
li jiġi d-dawl fid-dlam li tefgħu fuqna,
agħtih is-sabar.

## LILEK

Anqas jekk il-Mulej jixgħel fuq rasi
ix-xemx tqila t'Awissu jew il-qamar
u l-kwiekeb f'daqqa. Anqas jekk nagħfas ħdejja
buttuna sewda li tissikka l-bjuda
f'tubu tan-nejon. Anqas jekk il-kelma
ta' l-aqwa lsien tintilef taħt widnejja
fis-seher tat-tlablib li jfittex faraġ.

Anqas. Għalija x-xemx intfiet. Il-qamar
u l-kwiekeb dabu kif tinħall fil-kesħa
ta' l-ilma biċċa silġ. Għalija n-nejon
inħela bħall-flixkun tal-gass kif tagħfsu.

Int tlumni?

Jekk ngħolli ħarsti 'l fuq irrid niftakar
li darba flok iċ-ċpar kien hemm il-ħmura
ta' l-ewwel dawl u l-ikħal ta' fil-għodu..
Jekk nimxi nogħtor lejn is-swiċċ, ma' jdejja
immiss il-wajars maqtugħin u miegħi
jaħasra ma tiġrix ir-rogħda taħraq
li taf teħlisni.

U issa tistaqsini,
minn fejn tinsab fid-dawl, jiena x'qed nagħmel
f'dil-kamra sewda li għalquni fiha
l-imħuħ għajjiena tiegħi u ta' l-ieħor
li fuq l-għoxrin sen'ilu f'ġuf ta' mara
stennieni disa' xhur sakemm imkabbar
rani nitkaxkar bil-karattru tiegħu
imġebbed fija.
Ngħidlek jekk tismagħni.
Qiegħed nistenna li għajnejk mimlija
li jgħumu fuq il-baħar skur ta' wiċċek
donnhom żewġ dgħajjes mixgħulin fuq xefaq
iħarsu lejja u jħalluni naqra
it-tama ta' l-imħabba.

......Imbagħad nistenna x-xemx tarġa' tinħema
taħraq fuq ġismi, u l-liżar ta' dejjem
jimtela bozoz fil-għaxija, u ħdejja
f'kamarti nara l-bjuda artifiċjali.

## LAĦAM

Illum is-sajf, u fuq ix-xtut jaħarqu
hemm gallerija ħajja bl-arti t'Alla,
skultur aqwa mill-griegi.
Kulħadd jiċċaqlaq u mal-movimenti
tintebaħ x'varjeta' tinsab moħbija
fil-forma u l-lewn samran ta' ġisem wieħed.

Illum is-sajf ukoll. U ġewwa s-swali
u l-kurituri twal ta' sptar għaddejja,
bħall-istaġuni l-oħra ta' l-imgħoddi,
il-karba tqila li ma tridx tinstema'
ta' laħam mingħajr lewn u movimenti.

Fuq ix-xtajtiet il-ħin itir minn idek.
U fuq is-sodod iebsa qed jistaqsu
għaliex il-mewt ħanina m'hemmx li tiġi.

Iżda għada meta n-nies ukoll tax-xtajta
ikunu telqu mħabba ż-żmien li jkerraħ
tistaqsunix fejn tkun il-varjeta'.

## LIEMA L-ISBAĦ?

Fanali mixgħulin fuq wiċċ ta' baħar
iswed bil-lejl, u jimxu maċ-ċafċifa
lejn xefaq misterjuż.

Qatriet tax-xita nieżla mgħaġġla ljtektku
fit-triq bil-lejl quddiem iż-żewġ fanali
mixgħula ta' karozza.

## ĦALEL

Ma nafx għalfejn resqin mill-bogħod għal fuqna
isuqu daqs ir-roti ħfief f'tellieqa,
jitqallbu ma' ġisimhom u jinkixfu
ta' ġewwa barra.

Jien nemmen
li ħarbu minn fejn twieldu bla ma jafu
bħal tfal li daħqu bihom,
u kif ix-xefaq wiesa'
jassarhom bejn dirgħajh bdew jiġru
u għadhom jiġru
ifittxu l-eżistenza tagħhom f'ħarba
li tħott is-singular biex tibni
il-wieħed li jinħeba fih innifsu.

U baqgħu magħluqin ġo l-oċejani
li jrażżnu l-enerġija.

Illum
raw lili w lilek li m'aħniex il-ħalel
qed ninxfu għerja fuq il-blat imneżża'
weħidna bejn il-paraventu għoli
fi sfond t'umanità' marida
tiżżerżaq
'l isfel
mat-tarf ta' l-emisferu.

U raw li m'aħniex bħalhom
jekk huma m'humiex bħalna:
jien, int u jien.

Se jibqgħu resqin lejna jistaqsuna
xi jridu huma, u xi rridu aħna.
— Irrid nara mgħarrqin il-preġudizzji
fil-qiegħ tal-baħar
qalb ċimiterji qodma b'ankri mmermra
jittalbu l-qerda mħabbra bl-aħħar trombi. —
Jien, int u jien
nibqgħu kif konna, mmissu t-tarf b'idejna
u ninżlu
nżżerżqu
bħall-bqija jistennew li l-paraventu
jiċċarrat biex jaraw jekk aħniex bħalhom.

## DETERMINIŻMU

Waħdi bla tama nonfoh taħt il-ħalel
u nibla' l-ilma.
Int rajtni. Inżilt ma' ġenbi. Irbattni miegħek
u qdift lejn l-art. U rġajt bdejt ngħix il-ħajja.
Harisna f'wiċċ xulxin. Inti tbissimtli
u jien bżajt minnek. Mingħajr kliem infridna.

Għaddew is-snin. Waħdek tonfoh bla tama
rajtek tintemm mal-mewġ. Inżilt u ħadtek
miegħi lejn l-art. U rġajt bdejt tgħix il-ħajja.
Harisna f'wiċċ xulxin. Jiena tbissimtlek
u int bżajt minni. Mingħajr kliem infridna.

Għaddew is-snin. Weħidna taħt il-ħalel
nonfħu bla tama, bdejna ninżlu 'l isfel.
Harisna lejn xulxin. Jien ridt minn għandek
u int minn għandi l-ħajja. Jien bżajt minnek
u inti minni.
Għaliex?
Inżilna 'l isfel.
Tħalltu mal-mewġ l-aħħar qatriet ta' tama
u qalbna ħabbtet l-aħħar daqqa għajjiena
u dab in-nifs.
Għaddew is-snin. Hemm għadna
f'qiegħ l-ilma nistennew min itellagħna
mejtin fuq l-art, u jħoll il-biża' tagħna.

## KORRUZZJONI

Ifhimni. Meta tkun għaddej fil-ġonna
u tieqaf tħares lejn il-purċissjoni
monotona tan-nemel egoisti,
u, bla ma taf xi trid w anqas il-għala,
kollok ammirazzjoni,
iċċaqlaq sieqek u tiknishom magħha, . . .

Meta fil-kamra tiegħek fil-għaxija,
fuq wiċċ il-mejda bil-važun tal-fjuri,
tara jiżdiedu l-petali imkemmxa
u l-ward marid jitgħawweġ fl-agunija
u l-ilma qed jiswied, . . .

Meta tkun f'nofs ta' baħar fuq id-dgħajsa
ferħan b'kemm qtajt mill-art u tħoss ma' riġlek
jiżdied l-ilma mingħajr ma taf mnejn dieħel, . . .

Meta tilmaħ fl-għoli tal-bjut iperpru
il-ħwejjeġ marbutin ma' biċċa ħabel
u r-riħ jagħfas f'sidirhom biex jaqlagħhom, . . .

Ifhimni. Ftakar fija.

— Mal-mewt tan-nemel mietu l-idejali
ta' xitwa kerha w sajf mimli tbatija.

— Il-petali nixfin mingħajr sbuħija
fil-għodu tefgħu ir-rifless ta' lewnhom
fuq wiċċ il-mejda.

— L-ilma li jnizżlek hu l-istess li jsuqek
'il barra fuq id-dgħajsa.

— Fil-ħwejjeġ marbutin hemm spirti mjassra
jokorbu għall-ħelsien
li ħadd, lanqas ir-riħ, ma jista' j'tiħom.

U lanqas jien!

## DRAMM F'ŻEWĠ ATTI

*impressjonijiet fuq bidla tat-temp*

Il-ġnien intelaq joħlom u jixxemmex
bħall-folol fuq ix-xtajta. Żiffa għażżiena
titfissed fost il-ward miftuħ u l-weraq
tas-siġar mgħobbijin; tiġri mal-friegħi
li jmissu ma' xulxin, kif id ta' tfajla
tgħodd swaba' ta' żagħżugħ. L-għasfur jinħasad
mad-daqqa u jtir fuq fergħa akbar, mgħobbi
bit-tiben taħt ilsienu. Ġo l-irkejjen
il-qlub ifittxu l-ġmiel tal-ġnien f'ħajjithom,
u mal-kelmiet ta' l-użinjol jitilgħu
fis-skiet, fis-skiet, sat-tarf ta' l-ogħla siġra
l-għanjiet sigrieti ta' l-imħabba. Vaska
mitlufa tobżoq l-ilmijiet tas-saħħa
mingħajr ma tfur u tbiddel il-kuluri
bħal wiċċ quddiem il-mera. F'nofs ħamrija
il-bniedem jagħżel l-ikreh mis-sbuħija
sakemm il-ġmiel jikrieh.

Il-ġnien ma baqax joħlom. Ix-xemx saret
widien ta' xita sewda. Qalb is-siġar
bdew jiġru faxex tqal ta' ċpar li nbarmu
mal-friegħi imwerwrin. Ma' l-ilma ħarbu
il-kaxex vojta u t-truf tas-sigarretti.
L-għanjiet intilfu ma' l-irjieħ u l-vaska
bdiet tfur fis-sakra.

Il-bniedem jagħżel l-ikreh mis-sbuħija
baqa' fejn kien. Mill-moħba ta' l-irkejjen
ħarġu mgħaġġlin il-qlub diżappuntati
ikaxkru l-weraq niexef ma' saqajhom.

## QABEL IDOQQU L-GĦAXRA

Qabel idoqqu l-għaxra
inħossni wieħed mill-allat imxebba'
bihom infushom fil-mitoloġija,
irrid nixtieq,
irrid,
u inti,
int biċċa minn xewqti
kif tikber ġo fija
sakemm jibdilha f'xewqtu min iħobbna.

Min iħobbna?

Kuljum idoqqu l-għaxra.
U inti tixgħel lampa ħdejn is-sodda
qabel noħolmu.
Il-kamra
tostor bil-velu iswed tas-subkonxju
l-erba' ħitan minn rasna 'l fuq sas-saqaf,
u turi minna 'l isfel.
Fuq żewġ uċuħ itellqu
id-dlam u d-dawl madwarna
quddiem żewġ spettaturi.

Nixxiebħu.
Jien nibqa' nixtieq,
u inti,
int biċċa minn xewqti —

Ix-xewqa ta' baħar imqalleb
li miexi lejn truf l-univers;
ta' xitla f'deżert il-mibegħda
tistenna li tmiss il-ħamrija
u xxaqqaq il-blat.

Imbagħad wara l-għaxra
ninħlew fil-preludju ta' mewtna
noħolmu x-xewqat.

Fil-għodu maż-żerniq int titfi l-lampa.

## ILLEJLA T-TOROQ

Illejla t-toroq mimlijin bħas-soltu
bin-nies imgħaġġla. Qiegħed ngħid li jridu
jagħtuna l-impressjoni li ħajjithom
qasira wisq biex tiġbor l-idejali
li għadhom kemm bdew jibnu.

Naf x'qed taħseb:
Il-ħajja tagħna t-tnejn hi twila żżejjed.

Jien nemmen bħalek għaliex ma' kull għodwa
insibni, bla ma rrid, quddiem ktieb oħxon
bil-folji vojta biex jimtlew. Fl-għaxija
ikolli nerġa' nisma' l-passi tiegħi
b'ritmu perfett u tqil qegħdin jiżdiedu
mexjin fil-kuritur ta' l-eżistenza.
Għajnejja dejjem jiġru biex isibu
il-kantuniera li tħallini nara
xi differenza.

Illejla t-toroq mimlijin bħas-soltu
bin-nies imgħaġġla. Jiena biss nistenna
iż-żmien, b'sebgħi jiċċaqlaq bejn xufftejja,
għaddej nervuż bil-mod il-mod minn ħdejja.

## ID-DIFFERENZA

*Lil tallab għama li kien ikun ħdejn*
*San Ġwann, il-Belt*

Il-lejla l-ksieħ. U inti hawn bħas-soltu
fir-rokna li ma nbnietx għalik, tittallab
bir-ras baxxuta u b'żewġ għajnejn moħbija
għalxejn wara nuċċali bi ħġieġ iswed.

Illejla n'tik tliet soldi, iżda nistaqsi,
mingħajr ma rridek twieġeb, x'differenza
hemm bejn ix-xejn u l-eżistenza tiegħek
għad-dinja tal-bnedmin, għalik u għalija.

Għall-folol ta' madwarek inti ħaġa
li jeħtieġ tgħib biex il-progress jitkompla.

Għalija l-eżistenza tiegħek tfisser
li jiena ħriġt idi mill-but fil-kesħa
u ħlejt tliet soldi. S'għada ninsa kollox.

Iżda min jaf fid-dlam t'għajnejk kemm tħaddan
għalik misterji kbar din l-eżistenza?

## U ISSA LI L-IRWIEFEN REĠGĦU STENBĦU

U issa li l-irwiefen reġgħu stenbħu
mir-raqda twila u max-xemx qalila
firxu ma' l-art għatxana l-aħħar weraq
tas-siġar imxejħin ġewwa l-ġnien tagħna,
l-għasafar ħasbu li jien w int ħarbatna
l-imħabba tagħhom bejn iz-zkuk mimlija
u kxifna is-sigriet li kien qed joħloq
kuljum tpespisa ġdida fil-għaxija.

Fuq rasna baqa' friegħi sfigurati
imqabbda waħda fl-oħra bħal-Lakuni.

Iżda għada meta r-riħ tinħlielu saħħtu
u x-xemx issir ħanina, 'il fuq fil-għoli
nerġgħu naraw l-istess għasafar tagħna
iduru tond u jistennew li l-friegħi
jerġgħu jiħdaru w jitgħabbew bil-weraq.

Min jaf jekk hix fil-bogħod rebbiegħa ġdida?

# LIL MALTA

Tistenna qatt ja Malta li minn qalbi
għalik toħroġli l-għanja tal-foħrija.

Jien ma ngħannix il-ġmiel qaddis li tnaqqax
fil-wisgħa tal-ġebliet fit-tempji qodma
mitluqa, jew il-fdal mirqum li ġabru
uliedek ġewwa l-ħġieġ. Anqas ma ngħanni
il-ħila tal-qalbiena li ma' ġismek
xerrdu kburin kull qatra demm li tajthom
biex bnewlek isem akbar mill-jedd tiegħek.
Anqas is-seħer tal-bajjiet marbuta
max-xtut li qed jgħolluk fuq baħar ħiemed
li jaf jilgħab bl-ilwien tal-qiegħ moħbija
u joħloq elf fuq sidru u jarġa' jħassar
u jġib, bħal priżma ddur iddur imdendla
taħt xemx ta' Ġunju. Jew ix-xemx li tħobbok
kuljum u ġġib mill-bogħod il-flus fi djarek,
u ssaħħaħ il-frott tajjeb li jitbiddel
f'għasel maħlul kif taqsmu f'ħalqek. Anqas
is-sema li jixgħelli l-fantasija
bil-versi mwielda miegħi, kif fl-għaxija
ibus il-ward imbexxaq bi qtar ħelu
jew jikteb fuqu l-kliem sigriet ta' mħabba
bid-dawl ta' qamar mimli. Anqas il-ħajja
li tajtni ta' poeta.

Da' l-kobor ħolmu bih poeti qabli
u inti tkabbart bih.

Jien ngħanni, Malta, l-jasar li rak tinżel
b'xuxtek ma' l-art biex tqim lil kull setgħani
li xtrak u tlissen wara kelmtu l-ħalfa
ta' xewqtu ħdejn l-allat li ġieblek miegħu.
Jien ngħanni, Malta, l-bluha ta' Vassalli
li ħolom l-ewwel fidwa w b'kelma kbira
sejjaħlek għall-ħelsien, u l-ġenn li wassal

lil Dun Mikiel jinħaraq fuq artalek.
Jien ngħanni d-dnub etern ta' min elf darba
ħalef li hu Taljan quddiem il-folol
u seħet demmu w demmek għaliex Malti.
U l-qlub żonqrin li ċaħħdu lill-Poeta
mill-jedd tal-ġieħ li tefgħu fuq ħaddieħor.
Jien ngħanni l-moħħ marid li fl-apatija
jistqarr iċ-ċokon tiegħu. Ngħanni l-għaqal
ta' min jifred l-ulied mill-omm u jibgħat
id-demm żagħżugħ fl-eżilju biex barrani
iqassam ġidu hawn lix-xjuħ li jifdal
qabel imutu.

Jien ngħanni s-saħta tiegħek sakemm ismek
jinħall fix-xemx u l-ħrafa ta' Settembru
tintesa għal dejjem; sakemm inti tegħreq
u tgħib f'Mediterran li jerġa' jtella'
mill-qiegħ il-fdal maħsul ta' Malta ġdida.

Imbagħad, imbagħad, inħobbok.

## XORTIJA

Ħassejtni kemm-il darba qiegħed negħreq
bil-lejl fin-nofs ta' baħar. Rajtni mdendel
ma' ħajta li ma riedet b'xejn tinqata',
biex ngħib f'irdum. Sthajjilt il-karti kollha
li mlejt bil-kitba tiegħi qed jinħarqu
f'ħuġġieġa nar li ħadd ma seta' jitfi.
Sibt ruħi fuq il-forka qed nistenna
b'għajnejja mgħottijin it-tmiem bla ħtija.

U din, ħabib, m'hix ħrafa. Din xortija!